**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 7 ta' Dicembru 2001**

Citazzjoni numru 3/00G1

Korporazzjoni Enemalta

-vs-

Michael Grima, Victor Hili u Road Construction Ltd

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fejn wara li ppremettiet:

Illi fil-15 ta' Mejju 1996 il-konvenut Michael Grima kien qed jahdem fl-impjant tat-tarmac proprjeta' tal-konvenuti l-ohra u waqt li kien qed icaqlaq xi zrar b'gaffa, waqqa' hajt li mill-impjant imsemmi jaghti fuq Triq iz-Zebbug, Victoria, Ghawdex.

Illi bhala konsegwenza tal-kollass ta' l-imsemmi hajt, inqata' cable tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni attrici.

Illi l-ispejjez sabiex jissewwa dan il-cable telghu ghall-elf mitejn u sebgha u sittin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm1267.46) kif jidher mill-anness dokument immarkat Dok A.

Illi l-imsemmija hsara grat unikament tort tal-konvenut Michael Grima u tort in-negligenza tal-konvenuti l-ohrajn illi minkejja illi kienu jafu bl-istat perikolanti tal-hajt imsemmi, naqsu illi jiehdu l-prekawzjonijiet u l-passi necessarji illi jirrangaw l-istess hajt.

Illi l-konvenuti gew debitament interpellati sabiex ihalsu l-istess hsara izda baqghu inadempjenti.

Talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti:

1. unikament responsabbli ghall-hsarat li gew ikkawzati fi proprjeta' tal-korporazzjoni attrici fil-15 ta' Meju 1996 z-Zebbug, Victoria, Ghawdex kif imsemmi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-korporazzjoni attrici fis-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm1267.46) kif premess;

3. Tikkundannhom ihallsu lill-korporazzjoni attrici l-istess somma hekk likwidata ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm1267.46).

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' April 1998.

Bl-imghax mid-data ta' l-incident sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghalih minn issa huma mharkin.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa flimkien mad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi preliminarjament qed tigi sollevata l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi hadd mill-konvenuti ma kien responsabbli ghad-danni allegatament sofferit mill-Korporazzjoni attrici.

3. Illi l-inqas huwa minnu li l-konvenuti jew xi hadd minnhom waqqa' xi hajt kif allegat fic-citazzjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jekk il-Korporazzjoni attrici sofriet xi danni dawn huma konsegwenza tan-negligenza ta' l-istess korporazzjoni jew impjegati taghha billi l-cable ma kienx mqieghed skond ir-regoli applikabbli.

5. Illi fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati.

6. Illi minghajr ebda pregudizzju, billi si tratta ta' ammont li ghandu jigi likwidat it-talba ghall-hlas ta' l-imghax ma tista' f'ebda eventwalita' ikollha success.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-provi u l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal folio 19 fejn il-kawza thalliet sabiex l-attur jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fuq l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbali li segwew u li l-kawza thalliet ghas-sentenza proprjament fuq din l-ewwel eccezzjoni u ghall-kontinwazzjoni jekk il-kaz;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-konvenuti invokaw l-preskrizzjoni ta' sentejn a bazi ta' l-Artikolu 2153 li jipprovdi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' hsara mhux ikkagunati b'reat jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn.

Fil-kawza in mertu l-attur qieghed jitlob danni sofferti f'"cable" tad-dawl proprjeta' tieghu liema danni, hu allega, gew ikkagunati waqt li l-konvenut Michael Grima kien qed jahdem bil-gaffa fl-impjant tat-tarmac proprjeta' tal-konvenuti l-ohra u waqqa' hajt li b'rizultat ta' dan ghamel hsara fil-"cable". L-attur ppremetta ukoll li l-imsemmija hsara grat unikament tort tal-konvenut Michael Grech u tort in-negligenza tal-konvenuti l-ohrajn illi minkejja illi kien jafu bl-istat perikolanti tal-hajt imsemmi, naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet u l-passi necessarji illi jirrangaw l-istess hajt.

Issa huwa pacifiku li l-artikolu citat u nvokat mill-konvenut in linja ta' preskrizzjoni jirreferi ghad-danni derivanti minn htija jew *"culpa"* extra kontrattwali, jew kif tissejjah komunement *"culpa aquiliana*". Fi kliem iehor l-artikolu citat hu applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti.[1]

Fil-kaz in mertu l-fatti kif kontenuti fid-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti c-citazzjoni u wkoll fil-premessi ta' l-istess citazzjoni jippostulaw reat u limitatament f'dan il-kuntest il-Qorti taqbel ma' dak li jinghad fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur.

[1]ara sentenza Prim'Awla tal-31 ta' Ottubru 1959 fl-ismijiet Mary Xuereb vs Nutar Emmanuele Agius (Vol XLIII, pt. II, pag. 789) u sentenzi hemm citati.

Issa huwa pacifiku li kull reat inissel azzjoni kemm kriminali u kemm civili (Artikolu 3/i Kap 9) u li z-zewg azzjonijiet huma distinti. Isegwi allura li l-prova ta' dak li jigi allegat trid isir f'kull wahda mill-azzjonijiet. Fi kliem il-Qorti ta' l-Appell[2] "huwa daqshekk iehor evidenti u elementari li l-azzjoni civili ma tiddependi b'ebda mod minn precedenti azzjoni kriminali, kif espona l-konvenut li, niente di meno jippretendi li tali azzjoni trid tkun preceduta minn akkuza, process u sentenza".

Ghalhekk u minhabba dak hawn fuq espost il-Qorti qeghdha f'dan l-istadju tiddeciedi li thalli impregudikata din il-kwistjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom ghas-sentenza finali wara li tkun semghet il-provi kollha fuq il-mertu.

Spejjez riservati ghas-sentenza finali.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

[2] fil-kawza Perit Arkitett Lawrence Mintoff vs Saviuor sive Salvatore Camilleri deciza fis-26 ta' mejju 1992 (Vol LXXVI pag. 269).